MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Numru 49/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Cassar**

**vs**

**Raymond Abela**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Raymond Abela ta’ 41 sena, iben Joseph u Carmen nee’ Cortis, imwieled fit-30 ta’ Settembru 1966 fl-Awstralja u residenti fil-fond Flat 1, St. Mary Court, Dahlet it-Tempju Megalitici, B’ Kara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 126583(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fid-19 ta’ Jannar 2009 ghall-habta ta’ bejn nofs inhar neqsin kwart, fl-Pieta’, ikkommetta serq flimkien ta’ flus kontanti, dokumenti u telefon cellulari ghad-dannu ta’

Maria Concetta Abela ta’ 77 sena mill-Imsida, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur;

2. Fl-istess jum, f’ dawn il-Gzejjer, xjentement xtara u/jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehudha b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew, jew xjentament, b’ kull mod iehor li jkun iddahhal f’ dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix €2329.37;

3. Fl-istess jum, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi hfief fuq il-persuna ta’ Maria Concetta Abela u dan waqt li kien qed jikkommetti reat ta’ serq aggravat;

4. Kiser provedimenti ta’ artikolu 22 tal-Kap 446 ta’ Ligijiet ta’ Malta b’ sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta datata nhar it-13 t’ Ottubru 2008 fejn gie moghti l-liberta’ bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar minn dak il-jum liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5. Kiser l-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu f’ sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D nhar l-4 ta’ Mejju 2008 fejn gie kkundanat sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn;

6. Sar recediv ai termini t’ Artikoli 49, 50 u 289 (1) ta’ Kap. 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta b’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definitttivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta’ Jannar, 2009 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-21 ta’ Jannar, 2009 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel (1),tielet (3), raba (4), hames (5) u sitt (6) akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tat-2 ta' April, 2009.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-ewwel (1),tielet (3), raba (4), hames (5) u sitt (6) akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' April 2009 il-Prosekuzzjoni iddikjarat li t-tieni (2) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel (1),tielet (3), raba (4), hames (5) u sitt (6) akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena, l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat qed jikkopera mal-Pulizija f'investigazzjonijiet ohra u ghadda informazzjoni importanti lill-istess Pulizija u ghalhekk ghalkemm ser tigi imposta piena karcerarja effettiva din ser tkun fil-minimum impost mill-Ligi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 31, 261, 267, 262, 221(1) u 274 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4) u hames (5) u sitt (6) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi, b' dan illi it-tielet (3) akkuza qed titqies li hija assorbita fl-ewwel (1) akkuza u tikkundannah sentejn (2) prigunerija mill-liema perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) akkuza li inghatat bhala alternattiva ghal-ewwel (1) akkuza.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb il-problema mill-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------